

# Meta Daħħlu lil Sant' Anna fuq 'Invasion Barge'

### *Tagħrif Prezzjuż mogħti minn Ġużeppi Fenech*

### *Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela*

**Ġużeppi Fenech javviċinani minn rajh**

Fil-ktieb tiegħi dwar l-Istorja ta' Wied il-Għajn, ippubblikat mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-1999, jien kont għedt li, wara li Spiru Vella offra li jħallas il-flus biex issir statwa ta' Sant' Anna, Dun Tarċis Agius ordna din l-istatwa għand id-Ditta Ferdinando Stufflesser, ġewwa Bolzano. U komplejt hekk: *'Meta nġiebet Malta fil-bidu ta' Awissu, 1947, daħħluha fil-Bajja ta' Wied il-Għajn fuq barkun imżejjen u refgħu fiha wlied Spiru Vella'*. Wara li ħareġ il-ktieb, sabni s-Sur Ġużeppi Fenech, ħabib tiegħi miż-Żejtun, li qalli li hu, mhux biss kien preżenti dak in-nhar, iżda wkoll kellu sehem attiv ġmielu f'dik il-ġrajja memorabbli. Jien kont pront stedintu biex dak li kien jaf mill-qrib, nippubblikawh f'artiklu fl-okkażjoni tal-Festa ta' Sant' Anna, u hu ġentilment weġibni li kien ikun pjaċir tiegħu jgħinni f'ħaġa bħal din. Mhux biss offra l-koperazzjoni sħiħa tiegħu, iżda wkoll ġabli ritratt kbir tal-'barkun', li jien kont semmejt fil-ktieb tiegħi. U mill-ewwel indunajt li proprjament lil Sant' Anna mhux fuq barkun kienu ġabuha, iżda fuq ***invasion barge*** (barkun bil-makna). Verament li Sant' Anna dak in-nhar 'invadiet' il-qlub tan-nies li, kuntenti se jtiru, kienu preżenti jassistu għal dik ix-xena kommoventi.



**Xmara ta' Tagħrif**

Ftit tal-ġranet ilu fakkart lil Ġużeppi f'dak li konna ftehemna s-sena l-oħra, u hu stedinni biex nil-taqgħu għandu, fejn kemm hu, kif ukoll is-Sinjura Fenech, tawni merħba tassew mill-qalb. B'ċerta kurżità fuqi staqsejt lil Ġużeppi x'kien li hu kien daqshekk midħla ta' dik il-ġrajja u kif seta' jagħtini tagħrif, li mhux faċli llum tkun tafu minn sorsi oħra. **Ħadt ħafna gost meta weġibni li hu stess**

kien l-*engine-driver* ta' l-*invasion* ***barge***. Mhux hekk biss, iżda wkoll urieni lilu nnifsu bil-wieqfa fuq il-***barge***, f'pożizzjoni mill-aktar prominenti fir-ritratt li kien tani ftit ġimgħat qabel, liebes qmis bajda u ***shorts*** tal-***khaki***, ilbies mill-aktar popolari fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija. Naturalment xtaqt inkun naf minn għand Ġużeppi kif nibtet imħabbtu għal Wied il-Għajn, u allura tlabtu jirrakkuntali t-tfulija u ż-żgħożija tiegħu. U bdiet ħierġa minn fommu xmara ta' informazzjoni, tant li dak il-ħin iddispjaċieni li ma kontx tkellimt miegħu qabel bdejt nikteb il-ktieb dwar Wied il-Għajn!



*Ġużeppi Fenech* engine driver *ta' l-*invasion barge *li daħħal lil Sant'Anna f'Wied il-Għajn fl-1947. Dakinhar Ġużeppi kellu 24 sena.*

**Nies ta' Wied il-Għajn**

Ġużeppi Fenech twieled fl-1923 f'Ħal Tmin, ir-raħal ċkejken bejn Wied il-Għajn u ż-Żejtun ġewwa familja ta' ħdax ulied. Bħala tifel attenda l-iskola ta' Wied il-Għajn, fejn kien jgħallmu Dun Alwiġ Psaila. Il-familja tiegħu kellha razzett bl-għelieqi viċin fejn illum hemm ir-Razzett tal-Ħbiberija, u kull sena, bejn Mejju u Settembru, hu kien jgħin lill-ġenituri tiegħu mill-aħjar li jista'. Missieru Karmenu, raġel bieżel, kien jagħmel l-irkotta, u wara jmur ibigħha ġewwa l-Isla, filwaqt li ommu Luċija, mill-Qrendi, kienet tbigħ l-irkotta u l-frott f'Wied il-Għajn stess. B'ċerta nostalġija fuqu, Ġużeppi beda jsemmili xi nies li hu kien jiftakar f'Wied il-Għajn. Hekk tkellem dwar is-Sinjura Mifsud Bonnici, omm l-ex-President ta' Malta, li allura kienet tixtri l-bajd, l-irkotta u l-frott minn għand Luċija fl-isqaq li llum jismu Triq iż-Żinżell. Semmieli lis-Sur Degabriele (Grabiel), u qalli li dan kien xi ftit tas-snin akbar minnu. Meta jien ġbidtlu l-attenzjoni għall-**mibki Ġużeppi Spagnol, ex-President tal-Banda Sant'Anna**, hu qalli li lil Spagnol hu kien jiftakru sewwa, iżda Spagnol kien xi ftit tas-snin iżgħar minnu. Fenech kien iħobb ħafna s-siġar, il-fjuri u l-kwiet. Jiftakar sewwa l-fawwara ta' l-ilma ħelu, li xi nisa kienu jużaw biex jaħslu l-ħwejjeġ. Qalli li kien pjaċir tiegħu *'jara l-ilma jbaqbaq hu u ħiereġ minn taħt l-art'*. Ħin minnhom irrakkontali storja li kexkxitni, kif fil-gwerra waqgħet bomba ta' l-għadu viċin ħafna fejn hu kien qiegħed jonsob. Hu qabadha b'idejh u waddabha ftit 'il bogħod ġo gandott fond, u hemm ħadet! Mn'Alla l-gandott kien fond ħafna, għaliex kieku kienet toqtlu. Nuqqas ta' għaqal tat-tfulija!

**Xogħol tas-Servizzi Ingliżi**

Ġużeppi għandu f'idejh it-'**Torri**

l-**Aħmar'**, li qiegħed f'post fil-għoli f'nofs il-Bajja ta' San Tumas. Biex tmur ħdejh, trid tgħaddi mill-isqaq ħdejn il-knisja ta' San Gejtanu. Qalli li dan it-torri kien ilu s-snin qabel il-gwerra f'idejn il-familja tiegħu. Hu kien ħadem fih meta fil-gwerra ġie mibdul f'***beachpost*** mill-Ingliżi. Wara l-gwerra mill-ġdid waqa' f'idejn il-familja Fenech. Ta' 17-il sena Ġużeppi kien daħal jaħdem mas-Servizzi Ingliżi; kien iġorr iż-żrar biex jagħmlu l-konkos għall-***beachposts***, u ħadem f'diversi postijiet, bħal Sant'Antnin u San Anard. Fis-snin ta' wara l-gwerra, hu kellu f'idejh ukoll Torri Mamo, li wara l-militar għaddieh f'idejn is-Sur Salvu Desira. Fl-1943 Ġużeppi daħal jaħdem bħala ***skilled labourer*** fit-Tarzna, u mbagħad iżżewweġ lis-Sinjorina Ġużeppa Zammit, xebba bħalu midħla ħafna ta' Wied il-Għajn. Ommha Spira kienet twieldet fit-Torri tal-Buttar.

**Dun Tarċis u Ġużeppi l-Baħri**

Fl-1947 Fenech kien impjegat bħala ***engine-driver*** fuq ***invasion barge No.15*** fid-Dipartiment SNSO (***Superintending Naval Stores Officer***) tat-Tarzna. ***U hawn tibda l-istorja ta' Sant' Anna fuq il-barkun!***




L-invasion barge *li biha daħħlu lil Sant'Anna fl-1947. Dun Tarċis, liebes is-suttana sewda, jidher ħdejn l-istatwa, filwaqt li Ġużeppi Fenech,* engine driver *jidher bilwieqfa fin-nofs tar-ritratt, liebes qmis bajda u* shorts *khaki.*

Il-***barge*** kellha ekwipaġġ ta' ħamsa: kaptan, ***engine-driver*** u tliet baħrin. L-użu tagħha kien li tittrasporta kull ħaġa meħtieġa fit-Tarzna (bħall-ħadid, makni, iżda mhux ikel) mix-xatt għall-bastimenti, u minn bastiment għall-ieħor. Kaptan ta' din il-***barge*** partikolari kien ċertu Karmenu Bonnici, li allura kellu lil missieru stess, Ġużeppi ieħor, jaħdem bħala baħri miegħu. Baħri ieħor kien **ċertu Ġużeppi**, minn Ħaż-Żabbar, li kellu wkoll is-sengħa ta' mastrudaxxa. **U Dun Tarċis, Żabbari ieħor, kellem lil dan Ġużeppi biex jaraw kienx possibbli li lil Sant' Anna jdaħħluha bil-baħar.** Naturalment Ġużeppi l-baħri ta parir lil Dun Tarċis biex dan l-ewwel jipprova jieħu l-permess tas-Supretendent tad-Dipartiment tiegħu.

**Dun Tarċis ikellem lis-*Superintending Officer***

Dun Tarċis ma qatax qalbu. F'jum

miftiehem ma' l-ekwipaġġ, hu mar it-Tarzna biex ikellem lill-*officer in charge*. Minn fuq il-***barge*** tagħhom, l-ekwipaġġ qagħdu jaraw l-istorja tiżvolġi ruħha! Dun Tarċis l-ewwel mar ikellem lil Ġużeppi fuq il-***barge*** u dan għamillu kuraġġ. Imbagħad l-ekwipaġġ kollu qagħdu josservaw lil Dun Tarċis dieħel fl-uffiċċju tas-***Superintending Officer***, ħerqana jistennew x'risposta dan kien se jagħti lil Dun Tarċis. Allura wieħed jista' jimmaġina kif ħassewhom diżappuntati malli lemħu lil Dun Tarċis ġej lura lejhom b'wiċċu mqarras! L-uffiċjal Ingliż kien lest biss li jikri l-***barge*** lill-qassis għal £160 – somma wisq kbira għall-komunità ċkejkna ta' Wied il-Għajn dak iż-żmien. It-tweġiba ta' Dun Tarċis lil dan l-uffiċjal kienet li l-ewwel kellu jikkonsulta n-nies tiegħu.

**Il-Permess Jingħata**

Mela dan l-uffiċjal ifettillu joħroġ fil-gallerija u jara lil Dun Tarċis imdawwar mill-ekwipaġġ kollu tal-***barge***. Kollha kienu ħosbiena. Ma nafx x'ħaseb l-uffiċjal dak-il-ħin, iżda fil-pront bagħat messaġġier jgħid lil Dun Tarċis imur mill-ġdid fl-uffiċċju tiegħu. U pront, pront, qallu biex jieħu l-***barge*** b'xejn, u magħha seta' jieħu wkoll barkun ieħor! Talbu iżda biex hu stess iħallas lill-ekwipaġġ. Riedu wkoll juża l-***barge*** is-Sibt u l-Ħadd, għaliex fil-ġranet l-oħra tal-ġimgħa, hu kien ikollu bżonnha fit-Tarzna. Ferħan se jtir, Dun Tarċis mar jgħid kollox lill-ekwipaġġ, li kollha mill-ewwel offrew li jagħtu s-servizz tagħhom b'xejn.

**Sant'Anna fil-Menqa tal-Marsa**

Sadattant, Sant'Anna li kienet inġiebet mill-Italja bil-baħar, kienet magħluqa f'kaxxa ta' l-injam fil-Menqa tal-Marsa. Lil Dun Tarċis għamlulu passaport biex seta' jidħol fit-Tarzna. Kien is-Sibt, jum bnazzi, għall-ħabta tas-2.00 p.m., meta flimkien ma' l-ekwipaġġ hu mar fuq l-***invasion barge*** mit-Tarzna għall-Menqa tal-Marsa, fejn sabu numru ta' voluntiera ħbieb ta' l-ekwipaġġ, fosthom Victor Mifsud, ħu Dun Salv taż-Żejtun, jistennewhom. Ħarġu l-istatwa mill-kaxxa tagħha, għabbewha fuq il-***barge*** – li allura kienet kbira sewwa (twila madwar 20 metru u wiesa' madwar 7 metri), daqs garaxx imdaqqas, irmunkaw il-barkun l-ieħor warajhom u salpaw għal Wied il-Għajn. Kienu kollha ferħana ferm, ibda minn Dun Tarċis, u spiċċa f'Ġużeppi Fenech, li kien ilu biss xahrejn li żżewweġ lil Ġużeppa!

**Sant'Anna f'Għar Irħama**

Dun Tarċis, li kien miftiehem man-nies ta' Wied il-Għajn li l-istatwa kellha tasal f'nofshom xi nofs siegħa qabel inżul ix-xemx, meta ħarġu barra l-Port il-Kbir, u bilkemm kienu għadhom it-3.00p.m., irrealizza li kienu se jaslu f'Wied il-Għajn kmieni wisq. Allura meta waslu quddiem id-Daħla ta' Wied il-Għajn, flok daħlu hemm, baqgħu sejrin fil-Bajja ta' San Tumas, u waqfu fil-post imsejjaħ '**Għar Irħama**'. Hemm damu aktar minn tliet sigħat weqfin, iżda Dun Tarċis kien ħaseb għal kollox. Tgħidx kemm kien ħa birra u luminata miegħu! Hekk setgħu jgħaddu l-ħin,

mingħajr ma jbatu bil-għatx! Għall-ħabta tas-6.30p.m. telqu għal Wied il-Għajn, u huma u deħlin fil-Port bdew jisparaw il-murtali mill-barkun ta' wara. Kienet għaddiet xi ġimgħa minn meta l-permess kien ħareġ, u allura kellhom iż-żmien jaħsbu għal kollox. Waqfu ma' moll li kien hemm fis-Siberja, bejn wieħed u ieħor quddiem Toroq il-Kappara u Vajrita ta' llum u minn hemm bdiet il-manifestazzjoni li wasslet lil Sant' Anna sal-knisja l-qadima li hemm fi Triq La Sengle, fost il-ferħ u l-entużjażmu tal-folla.

**Grazzi Ġużeppi**

Grazzi minn qalbna lis-Sur Ġużeppi Fenech, li mhux biss kien wieħed mill-protagonisti ta' din il-ġrajja sabiħa, iżda li wkoll ħa ħsieb li jgħaddi lilna li ma konniex preżenti, dan it-tagħrif tant interessanti fl-istorja ta' dan ir-raħal marittimu.

**L-Għaqda Mużikali Sant'Anna tifraħ lill-Kanonku Dun Joe Abela għall-unur mistħoqq ta' Ġieh iż-Żejtun filwaqt li tawguralu aktar suċċessi fir-riċerki li huwa jagħmel fil-qasam storiku.**


**CHAIN MARKET**

Super Saver Centre – Zabbar Tel: 666525

*Opening Hours: Monday to Saturday 7.30 a.m. - 7.00 p.m.*

**TONY MUSCAT GELATERIA**

35, Marina Street,
Marsascala
Tel: 633201

**TONY MUSCAT BIRZEBBUGIA**

89, 91, St. Patrick Str.,
B'Bugia
Tel: 658677

***Wholesalers of Ice Cream*** ***Free Delivery***